MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 953/2004/1

**L-Avukat Henri Mizzi ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Nicholas Sammut u b'Digriet tal-10 ta' Lulju 2008 assumiet l-atti tal-kawza Dr. Rachel Loporto Montebello minflok Dr. Henri Mizzi**

**v.**

**Flower Power (Sales) Limited [C-13901]**

Dan hu appell minn digriet li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' April 2013, li bih ordnat il-hlas ta' hmistax-il elf tliet mija u sebghin Euro u tlieta u sittin centezmi (€15,370.63) lill-perit komputista minnha nominat biex jassistiha fl-istharrig taghha ta' din il-kawza, li hi intiza ghall-istralc tas-socjeta` intimata.

Il-perit komputista ilu jahdem fuq dan il-kaz u fit-30 ta' Gunju 2010, ipprezenta u halef rapport *ad interim*; ghal dan ir-rapport inharget taxxa ta' sbatax-il elf u seba' mitt Euro (€17,700) inkluz il-VAT, bhala dritt tieghu. Fit-13 ta' Lulju 2010, ir-rikorrenti pprezentaw nota a tenur tal-Artikolu 667 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) fejn appellaw mit-taxxa tad-drittijiet dovuti lill-perit komputista. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, b'digriet tal-11 ta' Jannar 2011, laqghet it-talba "f'dan l-istadju", fis-sens li stabbiliet li l-hlas li kellu jinghata lill-perit komputista ghandu jkun ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmi (€2,329.37), salv kull dritt spettanti lill-perit komputista sabiex jitlob dritt barrani a bazi tal-Artikolu 4 tat-Tariffa G tal-imsemmi Kap. 12. Fid-29 ta' Marzu 2011, il-perit komputista talab li jinghata dritt barrani, u l-ewwel Qorti, kif inghad, illikwidat hlas barrani ta' hmistax-il elf, tliet mija u sebghin Euro u tlieta u sittin centezmi (€15,370.63).

Gara pero`, li wara d-digriet tal-11 ta' Jannar 2011 u precizament fit-2 ta' Frar 2011, ir-rikorrenti baghtu lill-perit komputista *cheque* ghal elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmi (€2,329.37), b'nota li l-hlas kien qed isir *'in full and final settlement'* ghar-rapport preliminari. Dan ic-*cheque* ssarraf bla rizerva u bla kummenti mill-perit komputista fl-1 ta' Marzu 2011.

Dan ifisser, li meta l-perit komputista accetta hlas *'in full and final settlement'* huwa rrinunzja ghal kull pretensjoni ohra marbuta ma' dak ir-rapport interim (ara **Apap v. Gasan**, deciza minn din il-Qorti fis-26 ta' Novembru 1986; **DM Trinatours Ltd v. Camilleri**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati fis-27 ta' April 2001; **Giordmaina v. Borg**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Ottubru 2006; u **Vella de Fremeaux v. Eagle Star (Malta) Ltd**, deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Novembru 2012, fost ohrajn).

Persuna li tircievi hlas ghas-saldu, ma tistax unilateralment tbiddel dik il-kundizzjoni u zzomm il-hlas *on account*. Darba hlas sar bi skop specifiku, jekk min ircieva l-hlas ma jridx jorbtu b'dak l-iskop, ikun irid jirrifjuta l-hlas u mhux izomm l-istess kif jidhirlu hu. *"Jekk ic-cheque jissarraf, ikun ifisser li l-pagament gie accettat"* – **Studio Moda Ltd v. Creative Refurbishing Centre**

**(Malta) Ltd et**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fis-16 ta' Dicembru 2013.

Hu inghata l-fakolta` jitlob dritt barrani, pero`, ittenta jezercita` dan id-dritt <u>wara</u> li accetta hlas ghas-saldu. L-ewwel Qorti kienet konxja minn dan, u rrimarkat li l-perit komputista kien gia` gie mhallas *'in full and final settlement'*, pero`, qalet li ghax-xoghol li wettaq haqqu hafna aktar. Kien precizament minhabba f'hekk li fid-digriet tal-11 ta' Jannar 2011, gie rizervat lill-perit komputista, d-dritt li jitlob hlas ulterjuri, pero`, hu ma uzufruwixiex minn din l-opportunita` hlief wara li accetta hlas ghas-saldu.

Wiehed jista' jifhem li ghax-xoghol li wettaq il-perit komputista (hu jghid li kien hemm 'il fuq minn 210 sieghat ta' xoghol), haqqu dritt barrani; hu inghata kull cans jitlob dan il-kumpens barrani, pero`, ippregudika l-pozizzjoni tieghu meta accetta hlas ghas-saldu. Din il-Qorti trid tghid li l-perit komputista jidher li issa ghamel ir-rapport finali fil-kaz, u mhux eskluz li, apparti t-tariffa, jitlob dritt barrani ghax-xoghol li jkun wettaq sabiex jiffinalizza r-rapport. Jibqa l-fatt, pero`, li sal-lum, <u>ghar-rapport interim</u>, accetta hlas ghas-saldu, u ma jistax jitlob izjed.

Meqjusa issa l-punti preliminari sollevati mill-istess perit komputista, din il-Qorti, fl-ewwel lok, ma tarax li l-appell tar-rikorrenti huwa rritu u null. Hu veru li, kif gie deciz mill-qrati taghna (ara **Schembri v. Ir-Registratur tal-Qorti et** deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Novembru 2011), l-Artikolu 667 tal-Kap. 12 jikkontempla proceduri ta' appell minn taxxa quddiem l-istess Qorti li tkun tat l-inkarigu lill-perit, pero`, hawn mhux si tratta minn din is-sitwazzjoni. L-'appell' mit-taxxa sar mir-rikorrenti bin-nota tat-13 ta' Lulju 2010, u gie determinat bid-digriet tal-11 ta' Jannar 2011. Skont il-gurisprudenza, dak id-digriet mhux appellabbli u mhux qed isir appell minnu. Dan l-appell inkwistjoni qed isir mid-decizjoni li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili wara rikors li l-perit komputista ressaq quddiemha fid-29 ta' Marzu 2011; b'dan ir-rikors, il-perit talab lill-Qorti tawtorizza dritt barrani ghab-bazi tal-Artikolu 4 tat-Tariffa G tal-imsemmi Kap. 12. Il-perit komputista, wara d-digriet tal-11 ta' Jannar 2011, seta' jitlob lill-Qorti tintaxxalu dritt barrani, izda, kif inghad, dan ghamlu wara li kien gia` ppregudika rrimedjabilment il-pozizzjoni tieghu.

L-ewwel taxxa ta' sbatax-il elf u seba' mitt Euro (€17,700) li hareg ir-Registratur giet revokata u imwarba mill-ewwel Qorti, wara "appell" tar-rikorrenti, bid-decizjoni tal-11 ta' Jannar 2011. L-ewwel Qorti ma setghetx tikkonferma dak li kien gie mhassar. F'kull kaz, id-decizjoni tal-ewwel Qorti tal-4 ta' April 2013, mhijiex allura, "appell" minn taxxa, izda decizjoni *ad hoc* wara rikors tal-perit komputista.

Lanqas, fit-tieni lok, ma jista’ jinghad li ma hemmx appell minn tali decizjoni. Din id-decizjoni mhijiex digriet interlokutorju li inghata fil-kors tal-kawza, izda hija decizjoni fuq kwistjoni li inqalghet u li kellha bzonn tigi deciza b’sentenza separata, u minn tali decizjoni jista’ jsir appell, wara d-debita permess, fit-termini tal-Artikolu 231 tal-imsemmi Kap. 12.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tar-rikorrenti billi tilqa’ l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ April 2013, u tichad it-talba tal-perit komputista kif kontenuta fir-rikors tieghu tad-29 ta’ Marzu 2011.

L-ispejjez relatati ma’ dan l-incident, kemm in prim istanza kif ukoll f’din it-tieni istanza, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghal kontinwazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------